25 ta' Novembru, 1951.

Imħallef:
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Joseph Vassallo *versus* Charles Vella

**Bejgh — Kondizzjoni Riżoluta — Purgazzjoni tal-Mora — Kuntratt Kummerċjali — Użi Kummerċjali — Art.2 u 121 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.**

*F'affarijiet ta' kummerċ tgħodd il-liġi kummerċjali; iżda fejn il-liġi ma tiddisponix, jgħodd l-użu tal-kummerċ; u fin-nuqqas ta' dan*

*tgħodd il-liġi ċivili. Għaldaqstant, meta l-affari tkun regolata minn dispożizzjoni kontenuta fil-liġi kummerċjali, hija dik id-dispożizzjoni li għandha tiġi applikata, anki jekk ikun hemm dispożizzjoni diversa, jew anki kuntrarja, fil-liġi ċivili. Jekk ma hemmx dispożizzjoni fil-liġi kummerċjali, imma hemm xi użu kummerċjali li jirregola dik l-affari, anki dan l-użu għandu jipprevali għal-liġi ċivili.*

*Il-kondizzjoni riżolutiva tingħadd dejjem bħala magħmula fil-kuntratti bilaterali għall-każ li waħda mill-partijiet tonqos għall-obligazzjoni tagħha. U għalhekk, fil-waqt li skond il-liġi ċivili, f'dan il-każ, il-kuntratt ma jinħallx "ipso jure", u l-Qorti tista' skond iċ-ċirkustanzi tagħti żmien xieraq lill-konvenut biex jeżegwixxi l-obligazzjoni tiegħu, bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra ta' l-istess liġi ċivili dwar il-kuntratt tal-bejgħ, skond il-liġi kummerċjali, invece, il-kuntratt jinħall "ipso jure", u l-Qorti, fl-ebda ċirkustanza, ma tista' tagħti żmien lill-konvenut għall-purgazzjoni tal-mora.*

*Għaldaqstant, jekk il-kumpratur jonqos mill-obligu tiegħu li jirtira l-merkanzija fiż-żmien meta kellu jirtiraha, il-bejgħ jinħall "ipso jure" trattandosi ta' affari kummerċjali. U dan apparti milli dak il-bejgħ jinħall "ipso jure" anki skond il-liġi ċivili, bis-saħħa tad-dispożizzjoni li tgħid li, meta l-kumpratur ma jippreżentax ruħu biex jirċievi l-merkanzija jew ħaġa oħra mobili fiż-żmien miftiehem għall-konsenja, il-ħall tal-bejgħ isir "ipso jure" fl-interess tal-venditur, avvolja l-kondizzjoni riżolutiva ma tkunx ġiet espressament miftehma.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi huwa, fil-21 ta' Novembru 1953, ordna lill-konvenut tmenin pezza drapp; u li huwa, meta ġie infurmat li dik il-merkanzija kienet waslet, mar biex jirtiraha, u sab li l-konvenut kien iddispona minnha favur ħadd ieħor; talab illi l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lilu dik is-somma li tiġi likwidata, jekk hemm bżonn anki bl-opera ta' periti, in linea ta' danni li lilu ġew kaġunati minħabba li ma setax

jipperċepixxi dawk il-profitti li kien jagħmel kieku l-istess merkanzija ġiet lilu konsenjata. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-*fatti li ppreċedew* il-kawża, u li taw lok għaliha, huma, fil-qosor, dawn :—

L-attur *ordna* lill-konvenut il-merkanzija indikata fl-att taċ-ċitazzjoni, li kellha tiġi miġjuba mill-Indja, u kellha tiġi spedita mid-ditta *estera bejn* Diċembru 1953 u Jannar 1954. Ġiet spedita b'ritard, u l-attur fuq hekk ma qajjem ebda kwistjoni; anzi kien *jistaqsi* lill-konvenut għaliha. Ġiet fil-fatt spedita fid-9 ta' Marzu 1954, u waset f'Malta fil-21 ta' April ta' l-*istess sena*. Jumejn wara, il-konvenut kiteb lill-attur biex jinfurmah li kienet waslet u li kienet għad-dispożizzjoni *tiegħu għall-konsenja* — "at your disposal for delivery" (fol. 12). L-attur ma rrispondiehx, u allura l-konvenut reġa' *kitiblu fid*-29 *ta'* April 1954, biex javżah illi, jekk ma jmurx biex jieħu l-konsenja tal-merkanzija sas-Sibt ta' wara (l-ewwel ta' Mejju 1954), huwa (il-konvenut) kien jħoss ruħu maħlul mill-kuntratt (fol. 13). L-attur irrispondih b'ittra mingħajr data, li *però* il-konvenut irċieva qabel is-Sibt, fejn qallu "jiena niġi nhar is-Sibt, l-ewwel ta' Mejju" (fol 14). *Is-Sibt l-attur ma marx* għall-konsenja tal-merkanzija; huwa jallega l-għaliex kien marid. L-għada ma marx għaliha, *għaliex ma kienetx* ġurnata tax-xogħol, peress li ħabat il-Ħadd. It-Tnejn ta' wara ma marx għaliha, għaliex jgħid li *kienet ġurnata ta'* vakanza fl-okkażjoni tal-festi li saru meta ġiet Malta l-Maestà Tagħha r-Reġina. It-Tlieta, meta seta' *jmur għaliha*, għaliex la kien marid u lanqas ma kienet ġurnata ta' festa jew ta' vakanza, ma marx; u mar l-għada, l-Erbgħa, 5 *ta'* Mejju 1954, u sab li l-attur kien għadu kif biegħha lil ħadd ieħor, dak inhar stess, ftit qabel ma wasal l-attur. Il-konvenut jgħid illi ma setax ma jiddisponix mill-merkanzija, ġa ladarba l-attur ma kienx mar għaliha; għar-raġuni li kellu jsiefer l-għada, 6 ta' Mejju 1954, u, kieku ħalla l-merkanzija biex jiddisponi minnha wara r-ritorn tiegħu f'Malta, kien jitlef il-flus fuqha; u difatti xehed li biegħha bi prezz inferjuri għal dak stipulat ma' l-attur;

Illi mill-premess, u speċjalment mid-dokumenti fuq ri-

feriti, jirriżulta li l-attur ma kienx preċiż meta fl-att taċ-ċitazzjoni espona illi, meta ġie informat li l-merkanzija kienet waslet, mar biex jirtiraha. Dawk id-dokumenti, invece, juru li, meta l-attur ġie mill-konvenut infurmat illi l-merkanzija kienet waslet, ma marx għaliha, u lanqas ma rrisponda għall-ittra tal-konvenut li biha rċieva dik l-informazzjoni; u juru li l-attur reġa' ġie mitlub mill-konvenut biex imur jirċievi l-konsenja tal-merkanzija, u ġie avżat ukoll li, jekk ma jipprezentax ruħu sas-Sibt ta' wara, il-konvenut iħoss ruħu maħlul mill-kuntratt, u intant ma marx għaliha, avvolja kien ipprometta li jmur għal-konsenja tagħha fil-ġurnata indikata mill-konvenut;

Tikkunsidra;

Illi, skond l-art. 2 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, "f'affarijiet ta' kummerċ tgħodd il-liġi tal-kummerċ; iżda, fejn din il-liġi ma tiddisponix, jgħodd l-użu tal-kummerċ, u fin-nuqqas ta' dan l-użu tgħodd il-liġi ċivili";

Illi l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi tindika mhux biss il-fontijiet li minnhom jiġu dedotti r-regoli li jiddixxiplinaw ir-rapporti ġuridiċi kummerċjali, imma anki l-ordni tagħhom ta' preċedenza rispettiva l-waħda fuq l-oħra; u kwindi, meta l-affari tkun regolata minn dispożizzjoni kontenuta f'liġi kummerċjali — il-liġi kummerċjali per eċċellenza hija l-liġi kummerċjali ġenerali, għalina l-Kodiċi tal-Kummerċ — hija din id-dispożizzjoni li għandha tiġi applikata, anki jekk ikun hemm dispożizzjoni f'sens divers, jew imqar kuntrarju, fil-Kodiċi Ċivili. Għad-dispożizzjonijiet kontenuti f'dak il-Kodiċi jipprevali anki l-użu kummerċjali, id-dritt konswetudinarju kummerċjali, li huwa t-tieni fonti tad-Dritt Kummerċjali wara l-liġi kummerċjali;

Tikkunsidra;

Illi skond l-art. 121 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, "fil-kuntratti kummerċjali l-kondizzjoni riżolutiva taċita, imsemmija fl-art. 1111 tal-Kodiċi Ċivili, tħoll il-kuntratt "ipso jure", u l-Qorti ma tistax tagħti żmien lill-konvenut sabiex jiġi meħlus mill-mora";

Illi l-kondizzjoni riżolutiva tingħadd dejjem bħala li ġiet magħmula fil-kuntratt bilaterali, għall-każ li waħda mill-partijiet tonqos għall-obligazzjoni tagħha; u għalhekk, fil-waqt li

skond il-Kodiċi Ċivili f'dan il-każ il-kuntratt ma jinħallx "ipso jure", u l-Qorti tista', skond iċ-ċirkustanzi, tagħti żmien xieraq lill-konvenut, bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra ta' l-istess liġi ċivili dwar il-kuntratt tal-bejgħ, skond il-liġi kummerċjali, inveċe, il-kuntratt jinħall "ipso jure". u l-Qorti fl-ebda ċirkustanza ma tista' tagħti żmien lill-konvenut għall-purgazzjoni tal-mora";

Illi għaldaqshekk, jekk l-attur naqas għal xi obligazzjoni li kella riferibilment għall-kuntratt tal-merkanzija in kwistjoni, dak il-kuntratt jirrigwarda affari kummerċjali; u f'affarijiet kummerċjali l-liġi tal-kummerċ għandha preċedenza fuq dik ċivili;

Tikkunsidra;

Illi huwa veru li l-attur qatt ma qajjem kwistjoni dwar il-fatt li l-merkanzija kienet sejra tasal b'ritard; anzi kien juri illi, non ostante dak ir-ritard, huwa riedha; iżda meta l-istess merkanzija waslet Malta, u huwa ġie mill-konvenut avżat li kienet waslet, u ġie msejjaħ biex imur ħalli jirċievi l-konsenja tagħha, ma marx biex jirtiraha, imma ħalla inutilment jiddekorru sitt ijiem, u f'dan iż-żmien lanqas ma bagħat risposta għall-ittra tal-konvenut li biha dan tah l-imsemmija informazzjoni u qallu li jista' jmur biex jirtira l-merkanzija. Issa, trattandosi speċjalment ta' affari kummerċjali, l-attur kien imissu mar malajr biex jeżegwixxi dina l-obligazzjoni tiegħu li jirċievi l-konsenja tal-merkanzija, almenu fi żmien raġjonevoli. A propożitu l-attur jallega illi, peress li s-soltu d-dokumenti relativi għall-merkanzija kienu jaslu per mezz ta' bank, huwa ħaseb li hekk kien sejjer jiġri anki din id-darba, u baqa' jistenna l-avviż tal-bank fis-sens li d-dokumenti kienu waslu. Dina, però, hija evidentement skuża serotinament misjuba, għaliex l-ittra tal-konvenut hija ċara biżżejjed. B'dik l-ittra huwa informa lill-attur li l-merkanzija kienet waslet u li kienet qiegħda għad-dispożizzjoni tiegħu biex tiġi lilu konsenjata;

Illi, inoltre, meta għadda inutilment l-imsemmi żmien ta' sitt ijiem, il-konvenut reġa' kiteb lill-attur, ippreffiġġielu

ż-żmien biex imur ħalli jirċievi l-konsenja tal-merkanzija, u avżah illi, jekk ma jmurx sal-ġurnata indikata (is-Sibt ta' wara), iħoss ruħu maħlul mill-kuntratt. Il-konvenut għal din it-tieni ittra irrisponda, u aċċetta l-ġurnata tas-Sibt indikata mill-konvenut bħala dik li fiha kellu jippreżenta ruħu ħalli jirċievi l-konsenja tal-merkanzija. Intant lanqas din id-darba, jiġifieri lanqas f'dak il-jum, ma ppreżenta ruħu biex jirtira l-merkanzija. Huwa jgħid li ma setax imur għaliex kien marid, u li lanqas ma seta' jmur l-għada u l-ġurnata ta' wara għaliex kienu ġranet l-ewwel waħda ta' festa u t-tieni ta' vakanza publika. Però, u apparti l-fatt li huwa seta' faċilment javża lill-konvenut li s-Sibt ma setgħax imur għall-merkanzija għar-raġuni minnu allegata, huwa naqas jippreżenta ruħu sabiex jirċievi l-konsenja tagħha anki fil-ġurnata tax-xogħol ta' wara;

Illi, għaldaqshekk, jista' jingħad ukoll li bi ftehim ġie stabbilit ż-żmien tal-konsenja — is-Sibt, l-ewwel ta' Mejju 1954 — u li l-attur naqas jippreżenta ruħu f'dak iż-żmien ħalli jirċievi l-konsenja tal-merkanzija; u kwindi r-riżoluzzjoni tal-bejgħ ta' l-istess merkanzija saret "ipso jure" mhux biss skond iċ-ċitata dispożizzjoni tal-Kodiċi tal-Kummerċ, imma anki skond id-dispożizzjoni kontenuta fl-art. 1488 (2) tal-Kodiċi Ċivili, għaliex skond dina d-dispożizzjoni tal-liġi, "meta l-bejgħ hu ta' merkanzija jew ta' ħwejjeġ oħra mobili, il-ħall tal-bejgħ, għalkemm il-kondizzjoni riżolutiva ma tkunx ġiet miftehma espressament, issir "ipso jure" fl-interess tal-bejjiegħ, jekk ix-xerrej, qabel l-għeluq taż-żmien miftihem għall-konsenja tal-ħaġa, ma jmurx biex jirċeviha";

Għall-motivi premessi;

Tirrespinġi l-istanza; bl-ispejjeż kontra l-attur.